**29 ta' Novembru, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Grech Sant

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Presunzjoni – Innoċenza – Soċjetà – Assoċjazzjoni – Direttur**

*Ordni ta' riferenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-kwistjoni ssollevata kienet jekk l-art. 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 jilledix l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti sabet li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt protett b'dak l-artikolu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*L-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 jikkrea presunzjoni li direttur jew manager huwa ħati ta' reat kommess minn dik il-kumpanija jew għaqda sakemm ma jippruvax li uża d-diliġenza kollha biex jevita l-għemil tar-reat. Tali presunzjoni ma tivvjolax il-presunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-akkużat protetta mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja.*

Il-Qorti: –

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell kriminali tas-27 ta' April, 1984, fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) kontra Anthony Grech Sant *et* (Appell Nru. 152/82) li biha dik il-Qorti ddeċidiet li skond it-termini ta' l-artikolu 47(3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u tar-regolament 5 ta' l-Avviż Legali Numru 48 ta' l-1964, hija kellha tibgħat, a kura tar-Reġistratur, il-kwistjoni jekk l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 huwiex in kontravenzjoni ta' l-artikolu 40(5) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif issollevata mill-appellant Anthony Grech Sant, quddiem din il-Qorti biex din il-Qorti tiddeċidi din il-kwistjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fit-28 ta' April, 1986 li biha ddeċidiet il-kawża billi ddikjarat illi l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 ma huwiex in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 40(5) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif issollevat mill-appellant Anthony Grech Sant u tramite r-Reġistratur irrinvjat dan il-proċess għal quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali biex ikompli jieħu l-kors tiegħu skond il-liġi u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej;

Illi l-artikoli tal-liġi li huma fil-bażi tal-kwistjoni mertu ta' din il-kawża huma dawn:

A. L-artikolu 40(5) tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li "kull min jiġi akkużat b'reat Kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: iżda ebda ħaġa li hemm fih jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkosistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkuża kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari"; u

B. L-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975, li jiddisponi *inter alia*, hekk:

"Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni tinsab f'xi Att, li jkun ghadda jew qabel jew wara dan l-Att, isir minn ghaqda jew korp ta' persuni, sew jekk ikun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-ghemil tar-reat kienet direttur, *manager*, segretarju jew Uffiċjal iehor simili ta' l-ghaqda jew korp, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reata kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun eżerċitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat";

Il-kwistjoni kollha quddiem il-Qorti llum tirriduċi ruhha ghal dan: Jekk hemmx inkonsistenza bejn dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi. Jekk hemm, ta' l-ahhar kollu jkun annullat, jekk m'hemmx l-artikolu ghandu jibqa' fis-sehh ghall-finijiet kollha tal-liġi u ta' dan il-proċess;

Ikkunsidrat illi l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 huwa l-artikolu li jissuġġetta s-soċjetajiet u l-ghaqdiet ta' persuni gharreġim tal-Liġi Kriminali, billi qabel ma nstabet dik il-formula fis-snin hamsin, is-sanzjonijiet tal-Liġi Penali ma setghux ikunu applikati ghal dawn l-assoċjazzjonijiet jew ghaqdiet. Iżda wara hafna hsieb kien instab li dawn l-assoċjazzjonijiet li kien mahsub kienu sejrin ikunu l-ikbar fil-ghadd li jistghu jiksru d-disposizzjonijiet ta' Liġijiet Industrijali, jistghu jkunu kkontrollati fil-persuna ta' l-Uffiċjali gholja taghhom b'disposizzjonijiet penali jekk ikunu applikati ghalihom il-provvedimenti ta' l-artikolu 13 fis-sens: "Meta r-reat...isir minn ghaqda jew korp ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li fil-hin tal-ghemil tar-reat kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal

ieħor simili ta' l-għaqda jew korp, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat. B'dan il-mod il-persuni f'kontroll ta' assoċjazzjoni jew għaqda saru personalment responsabbli għal xi reat awtorizzat minnhom jekk żewġ kondizzjonijiet ikunu sodisfatti: – jiġifieri:

a) Jekk ir-reat ikunu jafu bih;

b) Ma jkunux għamlu li setgħu biex jevitawh.

Mela huwa minnu li l-Liġi tippreżumi li dawn il-persuni huma innoċenti, iżda huma ħatja, jekk ma jippruvawx żewġ ħwejjeġ: (a) li r-reat sar mingħajr ma kienu jafu bih; u (b) li ma għamlux li setgħu biex ma jħalluhx isir;

Ikkunsidrat:

Illi li biex jaħarbu mir-responsabbilità tar-reati kommessi mill-assoċjazzjoni jew għaqda li jmexxu l-persuni f'kontroll tagħha jridu jippruvaw dawn iż-żewġ ħwejjeġ kumulativament u mhux alternattivament: jiġifieri l-ewwel li ma kinux jafu bir-reat; u t-tieni li għamlu li setgħu biex ma jħalluhx isir;

Illi dawn il-provvedimenti biex iwaqqgħu jew jassoġġetaw lill-Assoċjazzjonijiet jew għaqdiet ta' persuni għar-reġim tal-Liġi Penali li l-ewwel saru bħala esperiment fl-Att VII ta' l-1956 Dwar is-Sigurtà Nazzjonali nstab fil-prattika li kienu ta' utilità kbira u bil-mod il-mod dawn il-provvedimenti daħlu f'diversi oqsma, sakemm fl-aħħar ġew applikabbli bl-Att VII ta' l-1975 għall-oqsma kollha tal-Liġi. F'qasir żmien daħlu fl-att ta' l-1952 dwar

ir-Regolament tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg; imbagħad ukoll fil-liġijiet li jħarsu l-konsum ta' l-ilma partikolarment fis-*"swimming pools"* ta' Lukandi Kbar u fl-aħħar dan l-artikolu sar japplika għal-liġijiet kollha tal-pajjiż, billi ddaħħal fl-Att ta' l-1975 Dwar l-Interpretazzjoni jew Tifsir ta' Kliem;

Illi l-ħames inċiż ta' l-artikol,u 40 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li persuna għandha titqies li mhix ħatja sakemm ma jkunx hemm il-prova tal-ħtija. Iżda mbagħad iddaħħlet eċċezzjoni vitali ħafna. Din il-preżunzjoni ta' l-innoċenza, tan-nuqqas ta' ħtija, tispiċċa jekk il-liġi li tkun timponi fuq il-persuna akkużata il-piż tal-prova ta' fatti partikolari". Issa, l-artikolu 13 in kwistjoni ma jagħmel xejn ħlief jimponi fuq il-persuna akkużata l-piż tal-prova ta' fatti partikolari: Ma jistax ikun hemm xi dubju li ż-żewġ ħwejjeġ li jridu jkunu ppruvati huma kwistjonijiet ta' fatt u mhux ta' liġi. Huma l-fatti tal-każ li jridu juru jekk l-uffiċjal in kwistjoni kien jew ma kienx jaf bir-reat, u l-istess huma l-fatti tal-każ li jridu juru setgħax għamel xi ħaġa biex ma jħallix lir-reat isir. La dan hu hekk ma hemm ebda kuntrast bejn il-ħames inċiż ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni u l-provvedimenti ta' l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975;

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Anthony Grech Sant ippreżentat fis-7 ta' Mejju, 1986 li bih talab lil din il-Qorti li in vista tal-premess din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 1986 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) *vs* Anthony Grech Sant" billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-esponent li l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 hu in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 40(5) tal-kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, billi jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu. Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 1986;

Rat l-atti kollha rrilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni odjerna qamet meta l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fil-Kawża "Il-Pulizija *vs* Anthony Grech Sant" fid-29 ta' Ġunju, 1982. Wieħed mill-aggravji li ressaq l-Avukat Ġenerali rigward is-sentenza msemmija kien li l-ewwel Qorti kienet injorat kompletament l-operat ta' l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975. Huwa kien issottometta li fil-fehma tiegħu dan l-artikolu kien japplika u kieku kien ġie applikat mill-ewwel Qorti l-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti kienet tkun differenti. In-sostenn ta' dan huwa ċċita parti mis-sentenza fejn il-Qorti qalet hekk: "Għalhekk tiddikjara li fl-*entries* l-oħra r-responsabbilità ta' l-imputat Anthony Grech Sant li għalkemm ammetta li ġeneralment kien ikun hu li kien jieħu ħsieb il-karti tad-ditta, huwa wieħed minn tliet diretturi, u ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li kien hu li mela l-*entries* l-oħra" (fol. 3). L-Avukat Ġeneali għalhekk sostna li in vista ta' dak li kien irriżulta lill-ewwel Qorti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi Anthony Grech Sant kien jiġi skolpat mir-reat li tiegħu kien akkużat huwa kellu a) jipprova li ma kienx jaf bir-reat u b) li kien uża d-diliġenza tiegħu biex dan ma jsirx;

F'dan l-istadju Anthony Grech Sant l-appellat, issolleva quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-artikolu 13 ta' l-Att

VII ta' l-1975 att magħmul wara l-Kostituzzjoni ta' l-1964 jispekkja ma' l-artikolu 40(5) illum 39(5) ta' l-istess u dan talli jitfa' preżunzjoni ta' ħtija fuq Direttur, Manager ecc. ta' kumpanija u jpoġġi l-oneru li jippruvaw l-innoċenza tagħhom għar-reati kommessi mill-kumpanija. In fatti skond l-artikolu fuq ċitat tal-Kostituzzjoni "Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi ppruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati". Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali billi dehrilha li l-kwistjoni ssollevata mill-appellat (quddiemha) ma kinetx frivola jew vessatorja, b'ordni tagħha ta' l-24 ta' April, 1984 irriferiet l-istess lill-Qorti Ċivili Prim'Awla biex tiġi deċiża minnha *ai termini* ta' l-artikolu 46(3) tal-kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April, 1986 kienet waslet għall-konklużjoni li l-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 ma hux in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 40(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellant jissottometti li waqt li din għamlet enfasi żejda fuq l-utilità kbira ta' dan l-artikolu 13, hija naqset milli tara l-kliem ta' l-istess kienx in kontravvenzjoni tal-prinċipju kkontemplat fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni. Huwa mhux qiegħed jikkontesta l-fatt li l-liġi tista' f'ċerti każi takkolla "responsabbilità Kriminali" lis-soċjetajiet iżda li dan irid isir konformament u konsistentement ma' dak li hemm dispost fil-Kostituzzjoni. Huwa jissottometti li jekk il-kliem adoperat, f'każi simili ma jkunx feliċi, jista' jiġu kkreati żewġt kategoriji ta' persuni li ma jkunux ittrattati bl-istess manjera;

L-appellanti qiegħed isostni wkoll li l-ewwel Qorti kull ma għamlet fis-sentenza tagħha kien li elenkat iż-żewġ kondizzjonijiet li l-artikolu 13 jimponi fuq Direttur *Manager* ecc. ta' Soċejtà

biex ma jkunx kriminalment responsabbli u ċjoé a) li ma jkunux jafu bir-reat u b) li jkunu għamlu li setgħu biex dan jiġi evitat. L-istess Qorti però naqset milli teżamina l-istess kondizzjonijiet biex tara jammontawx għall-kontradizzjoni u kinux *"widely and unreasonably worded"*, għad li dehret li kienet aċċettat dak li kien ġie sottomess minnu fis-sens li bl-artikolu *"de quo"* ġiet ikkreata presunzjoni ta' ħtija fuq il-persuni aktar 'il fuq imsemmija;

L-artikolu 13 ta' l-Att VII ta' l-1975 jikkontempla reat li jiġi kommess minn xi għaqda jew korp ta' persuni bħal soċjetà li tagħha huwa direttur l-appellant. Skond l-istess artikolu kull persuna li tkun direttur, *manager,* segretarju jew uffiċjal ieħor simili tas-Soċjetà tkun ħatja tar-reat kommess mis-Soċjetà kemm-il darba dan ma jippruvax li ma kienx jaf bir-reat *"de quo"* u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat. L-appellant qiegħed isostni li bil-kliem użat fl-istess artikolu l-persuna li tkun Direttur eċċ. imsemmija fl-artikolu 13 tiġi kkunsidrata ħatja tar-reat kommess mis-Soċjetà jekk dawn ma jissodisfawx iż-żewġ kondizzjonijiet hemm imsemmija qiegħda tiġi stabbilita presunzjoni kontra tagħhom ta' ħtija. B'hekk jiġi allura li waqt skond l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni akkużat b'reat għandu jiġi kkunsidrat bħala innoċenti sakemm ma jammettix hu jew jiġi misjub ħati, bl-artikolu 13 huwa għandu jiġi meqjus ħati sakemm ma jippruvax dak li jesiġi l-istess artikolu. Attwalment dak li jimporta l-artikolu 13 *"de quo"* huwa li direttur, *manager* eċċ. ta' kumpanija għandu jiġi tenut responsabbli kriminalment hu, għar-reat kommess mill-kumpanija;

L-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tagħna huwa simili għall-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-awtur Francis Jacobs

fil-ktieb tiegħu fejn jikkommenta fuq *"The European Convention on Human Rights"* f'dik il-parti fejn jikkommenta fuq il-prinċipju tal-*"presumption of Innocence"* jgħid li *"The principle of the presumption of innocence is reflected in English law in the rule placing the burden of proof on the prosecution"*. Fl-istess paragrafu però huwa jgħid ukoll *"but this principle cannot be equated with that rule to which there are in any event, numerous exceptions.* Skond Jacobs għalhekk jidher li *"presumption of innocence"* u *"placing the burden of proof on the prosecution"* m'humiex l-istess ħaġa. Huwa għalhekk jikkontempla każijiet fejn mingħajr ma jiġi ddisturbat il-prinċipju tal-*"presumption of innocence"* jista' jkun hemm każijiet fejn l-oneru tal-prova taqa' fuq l-akkużat. *"What the principle of presumption of innocence requires here is just that the Court should not be predisposed to find the accused guilty and second that it should at all times give the accused the benefit of the doubt, ont he rule "in dubio pro reo" (op. Cit. p. 113);*

Issa l-istess awtur fl-istess kuntratt ikompli jgħid li *"where under English Law, the burden of proof is transfered to the defence article 6(2) is not infringed if the presumption so created is* ***rebuttable*** *and* ***is not in itself unreasonable"***. Bħala eżempju ta' dan huwa ħa l-presunzjoni stabbilita bil-liġi kontra min jgħix jew ikun abitwalment fil-kumpanija ta' prostituta, li hu jkun qiegħed jgħix minn fuq il-qligħ ġej mill-prostituzzjoni tagħha. Din taqa' però jekk hu jipprova l-kuntrarju. Tali presunzjoni tinsab fil-liġi tagħna fejn hemm ikkontemplat reat simili. Issa f'każ simili miġjub quddiemha, il-*"Commission held that the provision creates a rebuttable presumption of fact which the defence may in turn, disprove". (page 113 op. Cit.)*. Dawn il-prinċipji jinsabu wkoll segwiti mill-awtur J. Fawcett fil-ktieb tiegħu *"The application of the European Convention on Human*

*Rights" (page 180).* Skond dan infatti *"it is only some act or omission by the Court itself, which can operate as a failure of presumption of innocence. Here it may be remarked that the presumption of innocence does not imply where lies the main burden of proof at the trial of the charge, that is to say, upon the prosecution to prove the guilt of the accused beyond a reasonable doubt;*

Fil-każ in eżami l-artikolu 13 in kwistjoni jiddisponi li f'każ ta' reat komuni minn kumpanija jew għaqdiet oħra, kull direttur, *manager* eċċ., tagħha, huwa ħati ta' dak ir-reat almenocche ma jipprovax li ma kienx jaf bir-reat u ma jipprovax li uża d-diliġenza kollha biex jevita l-egħmil tar-reat. F'każijiet bħal dawn, il-prosekuzzjoni tkun trid tipprova li sar reat mill-kumpanija, u l-persuna akkużata tkun direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tagħha meta sar ir-reat. Is-Soċjetajiet u għaqdiet oħra imsemmija fl-artikolu 13 ma jimxux waħedhom iżda jimxu taħt id-direzzjoni u huma taħt il-kontroll tal-persuni msemmija fl-istess artikolu. Minħabba f'hekk dawn ma għandhomx isibuha diffiċli biex jirribattu l-imsemmija presunzjoni. F'każ ta' dubju mbagħad, dan għandu dejjem jiġi kkunsidrat favur tagħha. Kwindi fil-każ in eżami ma jistax jingħad li l-presunzjoni imposta mill-artikolu 13, hija *unreasonable* kif intqal aktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra kieku ma jkunx għal din il-presunzjoni fil-maġġoranza tal-każi, tkun kważi impossibbli għall-prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha kontra s-Soċjetà. Jidher li din hi l-fehma ta' l-*"European Commission"* stess. In fatti f'każ miġjub quddiemha ta' akkuża ta' għixien mill-qliegħ mill-prostituzzjoni fejn ġiet applikata l-presunzjoni li l-akkużat kien jgħix ma' u jkun ta' spiss fil-kumpanija ta' prostituta. Il-*Commission* qalet li *"The Commission has also studied the statutory provisions under which the applicant was convicted. This statutory provision*

*states that when certain facts are proved by the prosecution certain other facts shell be presumed. This creates a rebuttable presumption of fact which the defence may, in turn, disapprove. The provision in question is not, therefore, as such, a presumption of guilt"*. Aktar tard fl-istess deċiżjoni l-istess *Commission* ippronunzjat ruħha li *"The presumption is neither irrebutable nor unreasonable. To oblige the prosecution to obtain direct evidence of "living on immoral earnings" would in most cases make its task impossible"*. (Digest vol. p. 755). L-istess jista' jingħad dwar każi ta' reati kommessi minn Soċjetà eċċ. billi d-direzzjoni u kontroll tagħhom huma t-tnejn f'idejn il-persuni li huma msemmija fl-artikolu 13 ta' l-att VII ta' l-1975;

Ikkunsidrat:

Illi hemm aspett ieħor tal-kwistjoni li għandu jiġi kkunsidrat;

Skond l-artikolu 124(14) tal-Kostituzzjoni tagħna "Meta l-Parlament ikun b'liġi pprovda għall-interpretazzjoni ta' atti tal-Parlament, id-disposizzjonijiet ta' kull liġi bħal dik, ukoll jekk imfissra li jgħoddu għal-liġijiet mgħoddija wara l-bidu fis-seħħ tagħha, għandhom jgħoddu għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni ta' din il-kostituzzjoni, u xort'oħra relattivament għall-atti tal-Parlament bħallikieku din il-Kostituzzjoni kienet att tal-Parlament mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' kull liġi bħal dik. Iżda sa dak iż-żmien li l-Parlament ikun ipprovda kif intqâl qabel, li liġi tgħodd għall-interpretazzjoni ta' din il-kostituzzjoni u xort'oħra relattivament għaliha tkun il-liġi li kienet tgħodd għalhekk fil-ġurnata stabbilita;

L-*interpretation Act* Numru VII ta' l-1975 huwa Att mgħoddi *ai termini* ta' l-artikolu 124(14) tal-Kostituzzjoni. Issa

l-proviso ta' l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni jipprovdi wkoll li ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-Awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. Għalhekk anke fid-dawl ta' dak li ntqal, taħt dan l-aspett ma jistax jingħad li l-artikolu 13 ta' l-Att 39(5) tal-Kostituzzjoni huwa in konflitt ma' l-Att 39(5) tal-Kostituzzjoni;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' Anthony Grech Sant u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla. Fl-ismijiet premessi fit-28 ta' April 1986;

L-ispejjeż ta' dan l-Appell għandhom jiġu ssopportati mill-appellant Anthony Grech Sant.